



*Riċerka ta' Ħamsa u Tletin sena*
*minn Oliver Friggieri*

# L-esperjenza tiegħi fil-ġbir tal-poeżiji bit-Taljan ta' Dun Karm

**Il-poeżiji li Dun Karm kiteb bit-Taljan ġew miġburin għall-ewwel darba u jinsabu fil-volum *Dun Karm - Le poesie italiane,* maħruġ mill-Malta Univesity Press fl-1947. Il-Professur Oliver Friggieri f'dan l-ariklu jitkellem fuq l-esperjenza tiegħu fil-ġbir ta' din l-ewwel edizzjoni sħiħa, xogħol li hu bdieh ħamsa u tletin sena ilu.**

## Il-Poeta Wild Ħaż-Żebbuġ

Fl-ambjent ta' l-iskola governattiva ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn Dun Karm Psaila (1871-1961) beda jieħu l-edukazzjoni tiegħu fl-1878, is-sistema kollha tat-tagħlim kienet iddur madwar il-lingwa Taljana. Skond rapport dwar aspetti tal-ħajja Maltija, ippubblikat fl-1879 minn żewġ kummissjonarji Ingliżi (P.G. Julyan u P. J. Keenan) li ġew Malta apposta, it-Taljan kien magħruf tajjeb. Psaila kompla l-istuidji tiegħu fis-Seminarju Minuri fejn iż-żewġ oqsma ewlenin ta' l-istudju kienu l-Latin u t-Taljan, u hekk baqgħu għal ħafna għexieren ta' snin wara. Fis-Seminarju Maġġuri, fejn huwa segwa l-kors biex isir qassis, it-tradizzjoni kulturali Taljana, kemm għal dik li hi lingwa u kemm għal kulma huwa inkluż fil-qasam kulturali u ekkjeżjastiku, kienet fl-aqwa tagħha. Il-kors letterarju ewlieni ma setax ma jkun mibni fuq l-għarfien ta' l-Istorja tal-Letteratura Taljana, minn Dante u Petrarca sa għallinqas ir-romantiċi ewlenin, bħal Foscolo u Manzoni.

Dawn u oħrajn Taljani huma bħallikieku l-persunaġġI li jimew ittradizzjoni letterarja Maltija stess, u fl-ambjent tematiku-formali tagħhom setħet titrawwem il-kitba ġdida bil-lingwa lokali, imrawma hi wkoll, minn wara ż-żmien Għarbi 'l hawn, f'kuntest neo-Latin.

Żmien twil wara, fl-1945, meta kien ilu madwa tlieta u tletin sena li beda jikteb bil-Malti, Dun Karm stqarr li t-Taljan kien l-ewwel ilsien li ġie mgħallem lilu u kien jogħġbu ħafna. Fil-fatt, il-kitba tiegħu tiegħu bit-Taljan, anki dik li tmur lura sas-snin ta' żgħożitu bikrija, hi eżempju ta' lingwa mħaddma tajjeb ħafna, kemm fis-sintassi, fl-għażla lessikali, fil-frażjoloġija u fil-binja ta' l-argument. Aktar ma kompla jikteb il-poeżija, aktar jidher li beda jitbiegħed mill-mudelli rettoriċi tal-letteratura klassika u neo-klassika. Minn stil klassikeġġjanti, elaborat anki bi skop ta' eleganza fiha nnifisha, għadda għal espressjoni romantika, wisq eqreb lejn il-forom tat-taħdit ta' tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin.

Mill-1912, meta huwa beda jikteb bil-Malti, huwa kompla jesprimi ruħu skond il-lezzjonijeit il-kbar tat-tradizzjoni għanja li trabba fiha, u l-Malti tiegħu huwa eżempju ta' poeta mhux biss sensibbli imma wkoll kolt ħafna. Hemm wirt kulturali sħiħ li jispjega l-identità artistika, kreattiva tiegħu. Fl-introduzzjoni "L'identità culturale di Dun Karm", li qiegħed nippreżenta fil-bidu tal-volum ġdid *Le poesie italiane*, għandha tidher sewwa l-firxa kulturali li torbtu b'mod naturali, storikamemt leali, mad-dinja letterarja Taljana, il-ħamrija li fiha setgħet tinbet il-letteratura Maltija bil-Malti. Qabel dik il-fażi, li Dun Karm jirrappreżentaha bl-opra tiegħu,

hemm il-letteratrura Maltija bit-Taljan. Dan kollu tispjegah il-kritika komparata, u jinstab imlaqqa' fil-personalità kumplessa ta' dan il-poeta, li qisu jinsab f'salib-it-toroq ta' żewġ esperjenzi, Maltija u Taljana, li issa kellhom jingħaqdu f'waħda. Is-sena 1912 hi indikazzjoni ta' din is-sintesi.

Dun Karm kompla jikteb bit-Taljan anki wara li ħa d-deċiżjoni li jibda jikteb bil-Malti, kif turi l-kronoloġija tal-kitbiet tiegħu. Madankollu, minkejja r-regolarità fil-programm tal-kitba tiegħu, huwa ma tantx kien ifittex li jippubblika jew għallinqas jiġbor il-poeżiji. Huwa jidħol f'dik il-kategorija ta' poeti li joffru eżempju tal-kitba bħala espressjoni li hi kompleta jekk tkun inkitbet. Il-pubblikazzjoni hi realtà differenti ħafna. Kemm fil-każ tal-poeżiji tiegħu bil-Malti, u kemm fil-każ tal-poeżiji bit-Taljan, jien u nfittex ix0xogħlijiet imxerrdin tiegħu sibt li kienu diversi dawk ix-xogħlijiet li issa kienu se jkunu ppubblikati għall-ewwel darba, f'dawn il-ġabriet kompleti.

Il-poeta huwa bniedem li jipproduci korp ta' kitbiet li jissejħu poeżiji. Il-kelma 'poeżija' tintuża wkoll biex tindika l-plural, il-poeżiji kollha. Isem ta' poeta, anki jekk hu magħruf, hu biss isem jekk ix-xogħol tiegħu ma jkunx identifkat miegħu. Dan hu kollu elementari, imma sikwit jintesa. Għalkemm l-att tal-poeżija jkun mitmum, u sħiħ, malli ssir il-kitba, hemm ukoll il-pubblikazzjoni li, anki jekk ma hix neċessarja, hi ħaġa mistennija. Poeta jista' jiġbor hu stess il-poeżiji tiegħu matul ħajtu, jew inkella jkollha tkun il-kritika li tagħmel dan għalih, aktarx wara mewtu. Dan hu l-każ ta'' Dun Karm, każ ta' xi ħadd li relattivament kiteb ħafna, u li sa mewtu hu stess baqa' ma ġabarx ix-xogħlijiet tiegħu (bil-Malti, bit-Taljan, u anki l-ftit versi li kiteb b'gost partikolari bl-Ingliż, u bl-Esperanto).

B'dawn il-ftit ħsibijiet nista' nirrakkonta fil-qosor il-proċess twil li segwejt biex ġbart il-poeżiji li Dun Karm kiteb bit-Taljan bejn l-1889 u l-1946 (skond poeżiji bid-data ta' kitba, jew pubblikazzjoni) u forsi wara wkoll (bħala ipotesi, skond poeżiji li ma sibt ebda data tagħhom, u li ma ġewx ippublikati qabel). Dwar ix-xogħol li jikkonċerna l-ġbir tal-poeżiji tiegħu bil-Malti wieħed jista' jara l-artiklu tiegħi "L-esperjenza tiegħi fl-istudju ta' Dun Karm u fil-ġbir tal-poeżija tiegħu", ippubblikat fil-ktieb *Dun Karm Psaila - Ħsibijiet u Tifkiriet* (ed., Emmanul Cutajar, Pubblikazzjoni Kunsill Lokali - Żebbuġ, 2001, pp. 21-35).



## Il-bżonn ta' ġabra sħiħa tal-poeżiji

Sa ma miet fl-1961 Dun Karm kien għad kellu l-poeżiji tiegħu, bit-Taljan u bil-Malti, imxerrdin sa fil-postijiet l-inqas mistennija. Kien hemm il-ħtieġa li jinġabru, u dan kien proġett diffiċli ħafna li jiena dħalt għalih fil-bidu tas-snin sebgħin, madwar ħamsa u tletin sena ilu. Fil-bidu tas-snin sebgħin kont qiegħed naħdem fuq it-teżi tiegħi għall-grad ta' M.A. bl-isem "La cultura italiana in Dun Karm" (1975), li ftit snin wara fl-1978 kienet ġiet ippubblikata bħala volum minn Leo S.Olschki ta' Firenze fil-Kullana 'Biblioteca dell'Archivum Romaniicum', u bl-isem *La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*. F'riċerka ulterjuri, kif jidher fil-volum *Storia della letteratura maltese* (Edizioni

Spes, Milazzo, 1986), li huwa l-edizzjoni pubblikata fl-Italja tat-teżi tiegħi għall-Ph.D., bl-isem "La cultura italiana del romanticismo e la poesia maltese" (1978), dan il-bżonn kiber ħafna. Il-poeżiji ta' Dun Karm kellhom ikunu issa wkoll parti mit-terren ewlieni, anki jekk mhux l-uniku, għar-riċerka tiegħi fil-kritika komparata Taljan-Malti. Għalhekk il-proċess tar-riċerka tiegħi kellu jibda billi anki niġbor il-poeżiji tiegħu. Ir-riċerka laqqgħetni fl-istess ħin mal-kitbiet tiegħu kollha fil-proża, Taljan u Malti, imma dik hi kwistjoni oħra.

Bi proġett separat għal kollox mir-riċerka msemmija, kienet ħaġa xierqa li tkun definità qabel xejn l-opra poetika tiegħu kollha bil-lingwa Maltija. Dan kien ifisser il-ħruġ tal-volum tal-poeżiji tiegħu bil-Malti fl-1980 bl-isem *Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura* (Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar). Fih, minbarra daħla twila dwar il-poeta, inkludejt ukoll lista kronoloġika tal-poeżiji kollha. Ftit żmien wara, fi ktieb ieħor, ippubblikajt aktar poeżiji tiegħu misjuba aktar tard f'manuskritt li ma kienx magħruf għalija qabel ('Pro Memoria - Ħsibijiet Żgħar', manuskritt li Dun Karm stess kien ta lil Dun Ġużepp Mangion). Aktar poeżiji mhux ippubblikati bil-Malti, imbagħad, sibthom f'manuskritt ieħor (Kollezzjoni Peter Vassallo) u ppreżentajthom għall-pubblikazzjoni u se jidhru dalwaqt. Dan kien biss parti mix-xogħol fil-kostruzzjoni, għalija, għar-riċerka tiegħi, tal-figura vera ta' poeta, li ma tista' tinstab imkien aktar ħlief f'dak kollu li kiteb.

Kien jonqos li jsir fl-istess ħin ix-xogħol tal-ġbir tal-poeżiji tiegħu bit-Taljan. Waqt li l-qofol tax-xogħol kien lest, il-proċess kellu jitkompla anki billi jitfittxu fontijiet oħrajn, kemm manuskritti u kemm xogħlijiet stampati. Kelli nfittex kullimkien, f'kull tip ta' pubblikazzjoni konvenzjonali, tipika tas-sekli dsatax u għoxrin. minn folji volanti sa libretti, u fost l-oħrajn il-ġabriet ta' pubblikazzjonijiet tassew varji, illegati f'sett ta' volumi li kienu kklassifikati bħala ''Miscellanea", miżmumin fit-Taqsima Melitensia tal-Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta. Każ li nibqa' niftakar hu s-sejba ta' dik li nqis li hi l-ewwel poeżija ppubblikata tiegħu, "La dignità episcopale", imxandra bħala ktejjeb fl-1889, u li kont ippubblikajtha fl-1974 ("Il-Polz", 26, 1974, pp. 4-7). Kienet miġbura fil-volum ''Miscellanea", vol. IX, numru 23.

Fost pubblikazzjonijiet diversi li l-poeżiji tiegħu baqgħu mxerrdin fihom hemm "L'amico dei giovani", "L'amico della gioventu' maltese", "La diocesi", "L'eco del Circolo Foedus", "La palestra del seminarista", "Santa Rita", u "Il vessillo cattolico". Konklużjoni bħal din tista' tinkiseb wara li jkunu ġew imfittxa r-rivisti kollha ta' l-epoka. Hi importanti l-Kollezzjoni Melitensia tal-Bibljoteka Ta' l-Università ta' Malta, fejn hemm ġabra ta' manuskritti u kopji ttajpjati ta' xogħlijiet tal-poeta. Il-Kollezzjoni Peter Vassallo hi wkoll importanti għal numru ta' poeżiji bil-Malti u bit-Taljan, apparti versi minuri oħrajn.

Dan kollu għandu jkun ikkunsidrat fil-kuntest tal-ħażna mdaqqsa ta' manuskritti u ta' kopji ttajpjati ta' Dun Karm. Hu, kittieb perfezzjonista u paċenzjuż u aktarx kajman, kien iħobb jagħmel dik li hi magħrufa bħala 'bella copia', pulita, bla ebda tibdil jew qtugħ, b'idu, b'kalligrafija ċara, kbira, jew bit-tajprajter.

Fil-każ ta' edizzjoni fondamentali, ewlenija, il-bieb tat-tiftix jibqa' dejjem miftuħ, kif għadu sa llum fl-Ewropa fejn hemm lista sħiħa ta' awturi li l-opra tagħhom inġabret f'edizzjoni kritika żmien twil wara mewthom. Diversi awturi Ewropej antiki għadhom



*Minn hemm fuq tridha? Ħalli f'idejja Prim!!*

Kummenti ikomplu

fil-fażi li jkollhom l-opra tagħhom kompletata kritikament. Għalhekk id-distanza ta' żmienna mis-sena 1961, is-sena tal-mewt ta' Dun Karm, turi li hu kellu attenzjoni kritika immedjata wara mewtu. Fl-istess ħin, wara dawn is-snin kollu, inqis xorta waħda li dan hu qasam minnu nnifsu miftuħ. Metodoloġiji u kriterji akkademiċi differenti jeżiġu dan.




## Ħafna poeżiji mxerrdin f'ħafna bnadi

Il-proġett tal-ġbir tal-poeżiji kollha bit-Taljan ta' Dun Karm ma kienx xogħol faċli għalija. Kollox hu marbut mal-fatt li huwa, poeta veru u riflessiv, ma kellux ħeġġa kbira li jippubblika, imqar f'perjodiċi, u wisq inqas kellu mezzi, kemm istituzzjonali u kemm personali. Dan jgħodd għaż-żewġ ilsna ewlenin li ħaddem, u l-aktar għat-Taljan.

Hu kien spiss kuntent li jikkopja pulit, f'għamla finali, numru ta' poeżiji tiegħu, u jżommhom għandu. Ippruvajt niġbor u nispjega fil-qosor dan kollu fil-Prefazzjoni għall-ktieb tal-poeżiji


Perchè ?

Perchè, o sol gentil, perchè sul mondo
Non splendi come un dì? e perchè grama,
O pia terra, ti spogli del giocondo
Manto che i cuor diverte e dolce chiama
Alla gioja i pensieri? Ed iracondo
Tu fremi, o mar, volgi i tuoi flutti e brama
Par ti punga, nel tuo mugghio profondo
D'opprimer chi nel sen t'accoglie e t'ama?
Ahimè! comprendo. Intenerato sole
Tu splendi sempre uguale e senza posa
Fecondi le acque e le terrestri aiuole.
E tu gran mar, dopo l'ira che rugge
Torni sereno al bacio della sposa...
M'inganno io sol. perchè il mio ben mi fugge.
8/1/06.

*Kaligrafija ta' Dun Karm – sunett miktub fl-1906*

miġbura tiegħu bit-Taljan *Dun Karm - Le poesie*, *italiane*, pubblikazzjoni tal-Malta University Press (2007). Din hi traduzzjoni tal-prefazzjoni mit-Taljan:

"Fil-proċess twil tar-ricerka tiegħi fuq ir-relazzjoni bejn il-kultura romantika Taljana u l-poeżija Maltija kien id-dmir tiegħi li nagħti l-akbar importanza lill-figura li f'Malta kienet l-aktar importanti fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin fil-qasam tal-poeżija bil-lingwa Maltija, Carmelo Psaila (1871-1961), magħruf fost il-poplu bħala Dun Karm (dan hu l-isem waħdani li hu magħruf bih bħala poeta).

Sa mill-bidu ta' żgħożitu huwa ddedika ruħu għal kollox għall-kitba bit-Taljan, u mbagħad fl-1912 skopra wkoll il-possibbiltà li jesprimi ruħu bl-ilsien nativ tiegħu, il-Malti, ilsien mill-isbaħ ta' nisel Semitiku imma mwarrab għal kollox għal ħafna sekli, kemm mill-kultura u kemm mill-amministrazzjoni.

Id-deċiżjoni li ħa Dun Karm, ta' madwar erbgħin sena, li jiddedika ruħu, anki jekk mhux għal kollox, għall-kitba bil-Malti aktarx wasslet biex hu jkun rikonoxxut fi żmien qasir bħala poeta nazzjonali ta' Malta, titlu mogħti lilu minn Laurent Ropa fl-1935. Imsaħħaħ minn din l-esperjenza twila tiegħu, u mill-għarfien vast li kellu tat-tradizzjoni letterarja Taljana kollha, Dun Karm setà, b'ħeffa u b'naturalezza, jinserixxi ruħu fil-kuntest tal-lingwa 'ġdida' bla ma jitlef xejn minn dawk il-karatteristiċi, tematiċi u stilistiċi, li kienu diġà sawrulu l-identità minn żmien twil qabel.

Jien u nistudja mill-qrib lil Dun Karm minn aspetti varji, sibt ruħi quddiem il-problema tal-kitbiet tiegħu, tal-poeżiji li huwa kiteb kemm bit-Taljan u kemm bil-Malti. Dan il-bżonn ġegħelni nfittex il-ħafna postijiet fejn il-patrimonju poetiku vast tiegħu kien tħalla mxerred, minsi għal kollox: manuskritti, kopji ttajpjati, kotba, libretti, rivisti, ġurnali, karti volanti, kollezzjonijiet pubbliċi u privati, u fuljetti ta' l-okkażjoni. Hekk ġbart il-poeżiji tiegħu 'kollha' bil-Malti, li mbagħad ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-1980 fil-volum *Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura*, edizzjoni ta' Klabb Kotba Maltin u Karmen Mikallef Buħaġar. Ftit wara, bħala appendiċi għal edizzjoni ġdida tal-bijografija tiegħi tal-poeta (*Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta*, Klabb Kotba Maltin, 1980), żidt ukoll il-pubblikazzjoni ta' poeżiji oħrajn misjuba ftit qabel.

Bl-istess mod ġbart ukoll il-poeżiji tiegħu miktubin bit-Taljan, li ħafna minnhom baqgħu sa issa mhux ippubblikati, jew imxerrdin f'pubblikazżjonijiet varji, u li huma ppubbliakti hawn f'volum uniku għall-ewwel darba. Waqt li tlaqt mill-ġabriet żgħar tal-poeta, *Foglie d'alloro* (1896), *Versi* (1903) u *Liriche* (1954, ikkurata minn Giovanni Curmi), stajt nibda l-proġett ta' l-iskoperta twila, diffiċli u kumplessa ta' ħafna opri oħrajn ippubblikati f'postijiet varji, jew ikkonservati f'għamla ta' manuskritti jew kopji ttajpjati. Sadanittant fittixt ukoll li nibni lista kronoloġika tal-kitba u tal-pubblikazzjoni tal-poeżiji. Din il-lista tinsab fl-aħħar paġni ta' dan il-ktieb.

Ir-riċerka ta' dan it-tip hi qasam dejjem miftuħ, u x-xogħol ikompli. Iżda bil-pubblikazzjoni ta' din l-opra issa nqis li hu komplet ix-xogħol kritiku tiegħi, li dam diversi għexieren ta' snin, bl-iskop li niġbor il-poeżiji 'kollha' ta' Dun Karm, kemm bil-Malti u kemm bit-Taljan."



*Aħna xbajna... issa ser noqogħdu nilagħbu ż-żibeġ.*

Kummenti ikomplu

# Lista kronoloġika tal-poeżiji bit-Taljan

Fil-lista kronoloġika, mibnija skond metodu magħżul u skond data ta' kitba u pubblikazzjoni skond il-każ, tidher il-konsistenza li Dun Karm wera fil-kitba bit-Taljan. L-eqdem poeżija li hi magħrufa għalija tmur lura sa l-1889, u mbagħad hemm diversi oħrajn miktubin fl-aħħar snin tas-seklu dsatax. Fost l-eqdem poeżiji li ma kinux ippubblikati qabel hemm "Carnevale" (1899), u "Alla mia stella" (1900). Dun Karm baqa' jikteb bit-Taljan, minbarra qabelxejn bil-Malti, għallinqas sa madwar nofs l-erbgħinijiet tas-seklu għoxrin, waqt li hemm poeżiji li d-data tagħhom għalija ma hix magħrufa. Poeżiji oħrajn, bla data, fihom indikazzjoni taż-żmien minħabba s-suġġett tagħhom (eżempju, it-tieni gwerra dinjija).

Il-ġabra tal-poeżiji ta' Dun Karm bit-Taljan hi okkażjoni. biex għall-ewwel darba wieħed ikollu l-firxa kollha tal-kitba tiegħu bejn tmiem is-seklu dsatax u nofs is-seklu għoxrin. Safejn hu possibbli, il-ktieb jinkludi l-post u d-data tal-kitba u l-pubblikazzjoni tal-poeżija li tkun. Is-suġġetti jvarjaw, il-lingwa Taljana f'idejn l-awtur hi soda u eleganti ħafna, tipika tat-tradizzjoni u tar-rettorika illuministika-romantika, waqt li s-suġġetti huma varji, minn fidi sa storja, minn tifkira sa fantasija.

# Lista ta' Kotba u artikli ta' Oliver Friggieri fuq Dun Karm

**Kotba**

**I. Edizzjonijiet kritiċi tal-kitbiet tal-poeta**

1. *Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura*, Malta, Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar 1980.
2. *Dun Karm - Le poesie italiane*, Malta, Malta University Press 2007.
3. *L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar*, Malta, PEG Ltd. 1997.

**II. Bijografija tal-poeta**

4. *Dun Karm - Ħajja u Karattru*, Malta, Sagħtar 1972.
5. *Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta*, Malta, Klabb Kotba Maltin 1980.

**III. Saġġistika kritika**

6. *La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*, Firenze, Leo S. Olschki 1978 (Biblioteca dell'Archivum Romanicum, vol. 142).
7. *Storia della letteratura maltese*, Milazzo, Edizioni Spes 1986. ( Dun Karm: pp. 181-273).
8. *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, Malta, Klabb Kotba Maltin 1976.
9. *Mekkaniżmi MetaforiċI f'Dun Karm*, Malta, Università ta' Malta 1988.
10. *Dun Karm - Il-Jien u Lilhinn Minnu* (edizzjoni annotata, b'daħla u b'noti), Malta, Edizzjoni Toni Cortis 1988.
11. *Dun Karm*, Malta, Edizzjoni Toni Cortis 1989.

**ARTIKLI**

**IV. Saġġistika kritika - artikli f'rivisti internazzjonali**

1. 'Il poeta nazionale di Malta - osservazioni linguistiche', *Le lingue del mondo* (Firenze), XLII, 5, 1977, pp. 421-422.
2. 'Influssi manzoniani sul poeta nazionale di Malta, Dun Karm', *Silarus* (Salerno), XVIII, 101-102, 1982, pp. 4-12.
3. 'Dun Karm, il poeta nazionale di Malta-la scoperta dell'ispirazione popolare', *Ildelfino* (Torino), XIII, 69, 1983, pp. 6-9.
4. 'L'esperienza foscoliana di Dun Karm, il poeta nazionale di Malta', *Il delfino* (Torino), XIII, 71, 1983, pp. 9-20.

5. 'Malta cristiana e il suo poetà, *Litterae Communionis* (Milano), 10, 1984, pp. 42-49.
6. 'Influssi manzoniani sul poeta nazionale di Malta, Dun Karm', *Il delfino* (Torino), XV,84,1985, pp. 10-16.
7. 'Il poeta nazionale di Malta: aspetti dell'identità culturale', *Prometeo* (Messina), V, 19, 1985, pp. 25-36.
8. 'Dun Karm, the National Poet of Malta', *Revue* (Paris), 28, 1985, pp. 30-32.
9. 'Influssi manzoniani sul poeta nazionale di Malta', *Arcadia* (Berlin - New York), 21, 3, 1986, pp. 276-284.
10. 'Il poeta nazionale di Malta, Dun Karm -la fede tradotta in lirica', *La vallisa* (Università di Bari),14, 1986, pp.5-24.
11. 'Dun Karm, Malteski Narodni Pjesnik', *Kalnik s Titom u Nama* (Karlovac), 1/1/1987, p. 5.
12. 'Poetul national al Maltei', *Romania Literara* (Bucarest), 26, 25/6/1987, p. 21.
13. 'Dun Karm, il poeta nazionale di Malta: la scoperta dell'ispirazione popolare', *La grotta della vipera* (Cagliari), XIII, 38?9, 1987, pp. 28-31.
14. 'Dun Karm -the National Poet of Malta: a Lyrical interpretation of Life and Citizenship', *Outrider* (Queensland University), 2, 1987, pp. 17-24.
15. 'Dun Karm, the National Poet of Malta', *Atenea* (Universidad de Puerto Rico), VI, 1-2, 1986, pp. 117-123.
16. 'Dun Karm Dichter Maltas', *Merian* (Hamburg), I, Jan. 1989, pp. 88-90.
17. 'Dun Karm, the National Poet of Malta', *Nouvelle Europe* (Luxembourg), 58/59, XVII, 1988, pp. 24-27.
18. 'Dun Karm, the National Poet of Malta - A Lyrical Interpretation of Life and Citizenship', *Poetry* (Orissa, India), XIII, 1-2, 1988, pp. 1-12.
19. 'La visione della patria in Dun Karm, il poeta nazionale di Malta', *Civiltà mediterranea* (Palermo), XI, 13, ott. 1988, pp. 19-22.
20. 'Dun Karm, Bard Naiseanta Mhalta', *Gairm* (Glasgow), 141, 1988, pp. 145-150.
21. 'Dun Karm, le poete national de Malte', *Poesie des Regions d'Europe - Source* (Namur, Belgium) Cahier no 2, 1989, pp. 3-11.
22. 'Dun Karm - ha dato alla lingua antica una dignità letteraria', *Osservatore romano* (Roma), 24 nov. 1986, p. 3.
23. 'Dun Karm, the National Poet of Malta', *Boletim* (Parana, Brasil), 17, July-Dec. 1989, pp. 27-40.
24. 'Dun Karm (Carmelo Psaila, 1871-1961) - problematica foscoliana e superamento cristiano', *Lettura* (Milano), a. 46, n. 474, febb. 1991, pp. 107-116.
25. 'Dun Karm, the National Poet of Malta, a Lyrical Interpretation of Life and Citizenship', *World Literature Today* (Oklahoma University), Winter 1992, pp. 47-50.
26. 'La Fortuna di Vincenzo Monti in Dun Karm, il poeta nazionale di Malta', *Arcadia* (Berlin - New York), 26, 3, 1991, pp. 290-302.
27. 'Dun Karm - the Nationl Poet of Malta', *Stvaranje* (Montenegro), XLVII, May 1992, pp. 468-472.
28. 'Dun Karm e Vincenzo Monti a confronto - Nostalgie del perduto amore', *Sudpuglia* (Lecce), 4, dic. 1992, pp. 115-123.
29. 'Malta's national poet', *Sfinx* (Denmark), 18, nr. 2, 1995, pp. 87-91.



*Dan kien li qagħad jiċċajta 'on air' fuq ir-Radju*

Kummenti ikomplu

30. 'Dun Karm, the National Poet of Malta', *Neohelicon* (Budapest), XXII, 1, 1995, pp. 157-168.
31. 'Dun Karm, the National Poet of Malta: A Lyrical Interpretation of Life and Citizenship', *Romania Arabica* (Festschrift fur Reinhold Kontzi), Gunter Narr Verlag, Tubingen, 1996, pp. 151-158.
32. 'Dun Karm, le Poete National de Malte', *Rimbaud* (Plancoet, France) V, XI-XII, 1997, pp. 28-32.
33. 'Environmental elements in Maltese Literature: The Example of Dun Karm, Malta's National Poet', in Patrick D. Murphy (ed.), *Literature of Nature - An International Sourcebook*, Fitzroy Dearborn Publishers, Chicago - London, 1998, pp. 212-217.
34. 'Dun Karm, poeta nacional de Malta', *Norma* (Valencia) 1, 1998, pp. 39-51.
35. 'Dun Karm, El Poeta Nacional de Malta', *Cuadernos del Matematico* (Getafe), 23, dic. 1999, pp. 67-70.

**V. Artikli ppubblikati f'Malta**

36. 'Dun Karm: xi aspetti tal-personalità, f'O.Friggieri, *Ir-ruħ fil-kelma*, Malta, Klabb Kotba Maltin 1973, pp. 23-35.
37. 'L-ewwel poeżiija ta' Dun Karm', *Il-Polz*, 26, 1974, pp. 4-7.
38. 'Dun Karm', f' O. Friggieri, *Fl-Għarbiel*, Malta, 1976, pp. 10-11.
39. 'Ir-romantiċiżmu ta' Dun Karm', f'O.Friggieri, *Storja tal-Letteratura* Maltija, I, Malta, Klabb Kotba Maltin 1979, pp. 183-273.
40. 'Dun Karm u l-kultura Maltija', *Pastor*, XIV, 133, 1980, pp. 27-29.
41. 'Dun Karm jirrakkonta dwar ħajtu, *Sagħtar*, XI, 76, 1981, pp. 5, 20, 27; *Sagħtar*, XI, 77, 1981, pp. 5, 11, 25.
42. 'Dun Karm, poeta tal-poplu, qassis li interpreta nazzjon', *Problemi ta' llum*, XXI, 2, 1981, pp. 38-43.
43. 'Problematica foscoliana e superamento cristiano in Dun Karm', *Journal of Maltese Studies*, 15, 1983, pp. 14-30.
44. 'Il-poeta tal-Kristjanità Maltija', *Problemi ta' llum*, XXV, 6, 1985, pp. 128-133.
45. 'Erba' poeżiji mhux magħrufa ta' Dun Karm', *Il-Malti*, III-IV, 61, 1985, pp. 65-67.
46. 'Pro memoria - Ħsebijiet Żgħar - Manuskritt ta' Dun Karm', *Il-Malti*, III-IV, 62, 1986, pp. 103-115.
47. 'L-esperjenza tiegħi fl-istudju ta' Dun Karm u fil-ġbir tal-poeżiji tiegħu', f' E. Cutajar (ed.), *Dun Karm Psaila ħsibijiet u tifkiriet*, Malta, Kunsill Lokali Żebbuġ, 2001, pp. 21-35.



*M'hemmx bżonn toqorsu biex ikanta!*



*"Dan kif kulħadd sparixxa għax ġejt nixrob... konfoffa..."*

Kummenti ikomplu